# TEREŻ



Fil-għodu tbakkar mas-serduk
u għad-dawl ta' lampa tal-ħmistax
minn friskatur
bl-ilma nadif u safi mill-bir
tal-bitħa
tlaħlaħ
il-bjuda ta' wiċċ irżin
maħqur minn tmenin sajf
magħkus mix-xemx Għawdxija.
Ilbiesha lbies xummiema,
nadif, sabiħ, onest, qadim,
tal-bieraħ,
bi kmiem sa fuq il-polz
u djul igħatti l-egħkiesi,
fuq qorq tal-bieraħ.
Xuxtha mgħottija
b'maktur bajdan!

Toħroġ itterraq kmieni
bejn għorfiet bieżla,
imqawel, ġonna li b'kull ġid
mimlija,
toħroġ minn kmieni
tisma' l-quddiesa
u . . .
lura f'darha,
tnajjar u ssajjar,
tnaddaf, taħsel, tagħlef
qtates, tiġieġ w agħsafar.

U fil-għaxija,
wara r-rużarju,
ftit wara l-Ave,
taħseb lejn soddtha.

Hekk ħajjitha! Xejn taf aħjar!
Le taf oħra!
Mid-dar għall-knisja u lura.
Mis-serħ għall-ħidma u terġa'.
'Ma fuq fommha
tidher tbissima ta' min dejjem
hieni.

J. Zammit Ciantar